# Ma semax mill-fatti xjentifiċi,
# se jisma' mill-FKNK

Il-Gvern ma semax mill-fatti xjentifiċi u s'issa ma tax widen għall-appelli biex iwaqqaf il-kaċċa fir-rebbiegħa.
Is-sejħiet li sarulu f'dan is-sens minn BirdLife Malta, mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) u mill-Kummissjoni Ewropea waqgħu fuq widnejn torox. U huwa biss issa – wara li nhar is-Sibt tkellmet il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) – li jidher li se jkun qed jieħu azzjoni u japplika l-moratorju fuq il-kaċċa f'dan l-istaġun.
Dan jikkonfermah rapport ippubblikat fil-gazzetta tal-Partit Laburista stess l-għada tal-konferenza tal-aħbarijiet tal-kaċċaturi, (Kullħadd, Il-Ħadd 22 ta' Mejju 2016) li kien jgħid li l-Kabinett tal-Gvern se jkun qed jiddiskuti l-moratorju fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa u jidher li se jilqa' t-talba li għamlitlu l-FKNK.
F'ittra li bagħtet lill-Prim Ministru Joseph Muscat dalgħodu, BirdLife Malta insitiet li mhux aċċettabbli li l-Gvern injora l-pariri li ngħata minn BirdLife Malta u mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) u l-parir dirett tal-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent Karmenu Vella lill-Prim Ministru biex japplika dan il-moratorju, u se jkun biss wara li tkellmu l-għaqdiet tal-kaċċaturi li se jagħti widen.
Il-Gvern messu ilu li ħa azzjoni billi qagħad fuq il-fatti xjentifiċi li ma jmerihom ħadd, u mhux qagħad jistenna lill-FKNK titkellem – fatti li juru li l-Gamiema (European Turtle Dove) ġiet ikklassifikata bħala speċi vulnerabbli mill-IUCN minħabba tnaqqis drastiku fil-popolazzjoni tagħha fl-aħħar snin.
BirdLife Malta dejjem kienet konsistenti fl-argumenti tagħha dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa minħabba li dawn kienu dejjem ibbażati fuq din ir-riċerka u fuq dawn il-provi xjentifiċi. Kien għalhekk li ilha tinsisti li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf.
Dawn l-aħħar żviluppi jixhdu wkoll b'mod ċar li l-Gvern dejjem ingħata pariri ħżiena mill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) u mill-għaqdiet tal-kaċċaturi.
U proprju minħabba dawn il-pariri ħżiena, jidher ċar li pajjiżna issa reġa' jinsab fil-periklu li jiffaċċja Proċeduri ta' ksur (Infringement proceedings) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea (UE) dwar l-Għasafar.

Għaldaqstant jidher ċar li din hija kollha *messa in scena* u r-raġuni vera għalfejn dan il-moratorju qed jiġi diskuss issa hi purament biex il-Gvern jipprova jevita li jinfetħu Proċeduri ta' ksur min-naħa tal-UE kontra Malta li jistgħu jwasslu biex jerġa' jinfetaħ każ ieħor kontra pajjiżna fil-Qorti Ewropea.
Filwaqt li l-Gvern jgħid li jrid imexxi lill-pajjiż 'il quddiem fl-oqsma kollha – fl-ekonomija, fis-saħħa, fl-edukazzjoni u anke fl-ambjent – fil-verità, meta niġu għall-ħarsien tal-għasafar, jibqa' jinnega l-fatti li ma jmerihom ħadd u l-pariri kollha li ngħatawlu minn dawk li jibbażaw l-argumenti fuq ir-riċerka xjentifika. Imma din mhix logħba u huwa ħażin li din il-kwistjoni terġa' tispiċċa ballun politiku.
Minn hawnhekk qed nappellaw lill-Gvern biex jirrealizza li l-kaċċa fir-rebbiegħa f'pajjiżna m'għadx hemm postha għax li tippermetti l-qtil tal-għasafar fi triqithom biex ibejtu, imur kontra kull valur ta' konservazzjoni tan-natura.
Issa dan hu ppruvat ukoll iswed fuq l-abjad mill-fatti xjentifiċi li fuqhom ibbażaw l-argumenti tagħhom BirdLife Malta, l-IUCN u anke l-Kummissjoni Ewropea.
Jekk il-Gvern se jibqa' jwebbes rasu u jibqa' jinjora l-fatti xjentifiċi li ma jmerihom ħadd u li fuqhom messu ilu li ħa deċiżjoni, minflok stenna lill-FKNK, il-poplu jista' jerġa' jingħata ċ-ċans biex jieħu hu din id-deċiżjoni.

## TMIEM

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli**
Aktar dettalji dwar il-moratorju fuq il-kaċċa fir-rebbiegħa
http://birdlifemalta.org/iucn-calls-for-spring-hunting-moratorium-birdlife-malta-requests-urgent-meeting-of-ornis-committee/

Ir-reazzjoni inizjali ta' BirdLife Malta għall-konferenza stampa tal-FKNK ta' nhar is-Sibt
http://birdlifemalta.org/fknk-agrees-with-birdlife-maltas-arguments/

**Ritratti**
1-2. Il-konferenza tal-aħbarijiet tal-lum indirizzata minn BirdLife Malta
3-4. Il-Gamiema (European Turtle Dove) – **ritratti ta' Aron Tanti u Andre Raine**